MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 8/2013

**Bank of Valletta Plc**

**Vs**

**Joseph u Antoinette konjugi Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mis-socjeta' bankarja li jaqra hekk:

1. Illi l-bank attur kien ta diversi somom ta' flus b'self lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom. Illi dan is-self sar wara kuntratt fl-atti tan-nutar Mariosa Grech tat-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001).

2. Illi wara dak il-kuntratt, infethu zewg kontijiet ta’ self bin-numri 40010524727 u 40010524798.

3. Illi l-bilanci f’dawn il-kontijiet sad-data tat-tmintax (18) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012), bl-interessi semplici nkluzi jammontaw ghal sebgha u tletin elf hames mija u disgha u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€37,549.93) u sebgha u tletin elf u sitta u tmenin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€37,086.73) rispettivament ghal total ta’ erbgha u sebghin elf sitt mija u sitta u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€74,636.66).

4. Illi huma dovuti wkoll interessi ulterjuri mit-tmintax (18) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv.

5. Illi minkejja diversi weghdi ta’ pagament, il-konvenuti dejjem baqghu nadempjenti.

6. Illi l-bank attur jidhirlu li dan id-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m’ghandhom l-ebda eccezzjoni x’jaghtu kontra din it-talba u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-artiklu 167 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap Tnax tal-Ligijiet ta’ Malta).

7. Illi dan ir-rikors u l-kontenut tieghu qed jigu kkonfermati bil-gurament minn Jack Theuma (68354G), manager u rapprezentant tal-bank attur li ghandha konoxxenza proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta’ l-artiklu 167 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap Tnax tal-Ligijiet ta’ Malta), stante illi d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut m’ghandu l-ebda eccezzjonijiet x’jaghti kontra din it-talba.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom jinsabu debituri fil-konfront tal-bank attur fis-

somma erbgha u sebghin elf sitt mija u sitta u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€74,636.66) flimkien ma' interessi ulterjuri mit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom sabiex, b'effett immedjat, ihallsu lill-bank attur din is-somma ta' erbgha u sebghin elf sitt mija u sitta u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€74,636.66) flimkien ma' interessi ulterjuri mit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013 il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenuti sabiex iressqu l-eccezzjonijiet.

Rat li fir-risposta guramentata taghhom il-konvenuti eccepew hekk:

1. Illi preliminarjament trid issir il-prova li l-ammonti ndikati fir-rikors promotorju huma realment dovuti nkluz bil-prezentazzjoni tas-sanction letter relattiva u dana sabiex jigu stabbiliti l-kundizzjonijiet li gew pattwiti bejn il-partijiet.

2. Illi ghar-rigward l-imghaxijiet dawna gew ikkomputati b'rati oghla minn dawk permessi mil-ligi, gew ikkomputati b'rati oghla minn dawk stabbiliti

3. Illi l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet ma jirriflettix dak li gie miftiehem bil-miktub bejn il-partijiet u ghalhekk jikkontjeni fih kundizzjonijiet ingusti u li ma humiex permissibbli mil-ligi.

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Mill-atti jirrizulta li l-bank attur kien ta diversi somom ta' flus b'self lill-konvenuti flimkien u solidament bejniethom. Jirrizulta wkoll li l-konvenuti naqsu milli jonoraw l-obbligi taghhom u ma baqghux ihallsu l-pagamenti kif kien miftiehem[1]. Infatti rrizulta li sa mill-prezentata tar-rikors guramentat il-konvenuti baqghu ma halsu xejn u ghalhekk l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni b'referenza ghar-rata ta' imghax mitluba inkwantu huwa oghla minn tmienja fil-mija (8%) il-Legislazzjoni Sussidjarja 16.06 – Regolamenti Dwar Ezenzjoni Mir-Rata ta' Mghax[2] senjatament ir-regolament numru hamsa jipprovdi:

*'Minkejja kull haga ohra li tinsab f'kull ligi ohra, istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-tifsira tar-regolament 2[3] jistghu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li ghandha tithallas fuq depoziti mizmumin minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mghax li dawn jistghu jitolbu li jithallsu fuq self, avvanzi u kull facilità ta' kreditu ohra kif ukoll fil-hrug ta' debentures jew ta' debenture stock jew strumenti ohra li joholqu jew jirrikonoxxu stat ta' debitu'.*

Dan l-artikolu nfatti jirrinforza l-artikolu 33 tal-Kap 204[4] tal-Ligijiet ta' Malta li huwa identiku ghal dak appena kkwotat.

It-tielet eccezzjoni lanqas ma giet pruvata stante li dak allegat minnhom ma rrizultax.

Ghaldaqstant din il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici bil-mod kif gej u ghalhekk:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom jinsabu debituri fil-konfront tal-bank attur fis-

[1] Affidavit ta' Jack Theuma a fol 4 u 54 tal-process u xhieda ta' Dr Kevin Mompalao fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2013 a fol 39 tal-process.
[2] Avviz Legali 142 ta' l-2009
[3] Regolament 2(b) applikabbli ghal dan il-kaz
[4] Att Dwar il-Bank Centrali ta' Malta

somma ta’erbgha u sebghin elf sitt mija u sitta u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€74,636.66) flimkien ma’ interessi ulterjuri mit-tmintax (18) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom sabiex, b’effett immedjat, ihallsu lill-bank attur din is-somma ta’ erbgha u sebghin elf sitt mija u sitta u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€74,636.66) flimkien ma’ interessi ulterjuri mit-tmintax (18) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez kollha a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------